**4 ta' Frar, 1963**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Charles Jones

*versus*

Carmel Bugeja

**Lokazzjoni — Bord tal-Kera — Kwistjoni ta' Dritt — Appell.**

*Jekk il-Bord tal-Kera jkun iddeċieda illi fil-fehma tiegħu l-intimat kien il-kerrej f'ismu proprju, u mhux bħala rappreżentant jew fl-isem ta' xi assoċjazzjoni, u jkun wasal għal din il-konklużjoni bħala fatt, dik id-deċiżjoni ma fiha maqtugħ ebda punt ta' dritt; u għalhekk dik is-sentenza mhix appellabbli fuq dan il-punt. Tajjeb jew ħażin, il-mod kif iddeċieda l-Bord mhuwiex, bħala konklużjoni ta' fatt, sindakabbli. S'intendi, jibqa' salv kull dritt u kull azzjoni ta' dik l-assoċjazzjoni, li mhix fil-kawża, li tista' titlob skond il-liġi d-drittijiet tagħha, jekk jidhrilha li l-konklużjoni tal-Bord fil-konfront tagħha mhix vinkolanti għaliex il-lokazzjoni kienet tagħha u hija hi l-kontradittur leġittimu.*

Il-Qorti:— Rat it-talba tar-rikorrent quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera biex jiġi awtorizzat jirriprendi pussess tal-fond 25 Villambrosa Street, Ħamrun, billi jridu għal bintu;

Rat ukoll il-verbal tat-3 ta' Lulju 1963, li bih ir-rikorrent talab illi jżid bħala kawżali illi l-intimat kien morus fil-ħlas tal-kera;

Rat id-deċiżjoni ta' dak il-Bord tas-6 ta' Diċembru 1962, li biha laqa' t-talba u ta xahar żmien għall-iżgumbrament; bl-ispejjeż kontra l-intimat; wara li kkunsidra;

Dwar l-eċċezzjoni tal-intimat, illi r-rikors ma kellux isir kontra tiegħu personalment, imma bħala rappreżentant tal-Boy Scouts tal-Ħamrun, illi mill-provi rriżulta illi l-fond "de quo" kien jippartjeni lil terzi persuni u ġie rku-

prat mill-intimat u tlieta oħra appartenenti lil li-Scouts tal-Ħamrun, billi kien diġa' użat minnhom u ma xtaqux ikollhom tfixkil. Ir-rikorrent mbagħad akkwista l-ishma tal-oħrajn u sar proprjetarju uniku. Fiż-żmien tal-akkwist kien iħallas il-kera r-rikorrent. Warajh kien hemm oħrajn, ċjoè ċertu Camilleri, Formosa, u mbagħad l-intimat. Dawn, bħala Group Scout Masters, kienu responsabbli tal-kera, u kienu jiġbruh minn għand li-Scouts;

Ir-rikorrent jgħid illi l-fond dejjem kien mikri personalment lill-Group Scout Master; għall-fini, però, li jużawh li-Scouts. Il-Group Scout Master Formosa ma ġiex prodott bħala xhud; Camilleri qal illi, billi għadda ż-żmien, ma jafx kif kienu jsiru l-irċevuti; u l-intimat jgħid illi meta r-rikorrent ried illi jkun responsabbli l-Group Scout Master personalment, qamet kwistjoni, u huwa għalhekk ma ffirmax l-iskrittura ta' lokazzjoni li kien ipprepara r-rikorrent. Huwa qal fix-xhieda tiegħu illi ma jafx sewwa fejn ma kienux qablu mal-iskrittura, u għamel riferenza għall-ktieb tal-minuti tal-Club, li minnu anqas ma jirriżulta x'kienet l-obbjezzjoni li sabu li-Scuots għall-iskrittura tar-rikorrent;

Hemm però ċirkustanza mportanti ħafna fix-xhieda tal-intimat, u din hija illi r-rikorrent mill-ewwel qallu illi kien sejjer jikrilu l-fond personalment, jiġifieri jkun responsabbli hu għall-kera, però biex il-fond jiġi wżat għal li-Scouts; u huwa aċċetta. Dan juri ċar illi dak li qal ir-rikorrent hu eżatt, ċjoè illi hu kera lill-intimat biss, u ried ikollu x'jaqsam miegħu, u mhux ma' li-Scouts; salv l-użu tal-fond għal li-Scouts;

Għalhekk l-eċċezzjoni tal-intimat ma tirriżultax fondata, u l-fatt illi l-flus tal-kera fil-fatt kienu jkunu ta' li-Scouts, u mhux tal-intimat, anqas ma jagħmel differenza; għaliex dan kien rapport intern bejn l-intimat u li-Scouts;

Fil-meritu ma hemm xejn x'wieħed jgħid; ladarba r-rikorrent verament irid il-fond għal bintu, u l-fond ma hux ħanut fis-sens tal-liġi tal-kera, ma hemmx għalhekk għalfejn wieħed jidħol fil-kawżali l-oħra;

Rat ir-rikors li bih l-intimat appella minn dik id-deċiżjoni, u talab li tiġi revokata, u t-talba tal-appellat tiġi miċħuda; bl-ispejjeż kontra tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Id-deċiżjoni appellata ngħatat fis-6 ta' Diċembru 1962, u r-rikors tal-appell sar fl-14 ta' dak ix-xahar. Għalhekk il-kwistjoni tal-appellabbilità ta' dik id-deċiżjoni ma hix milquta bl-emenda li saret bl-Att numru XI tal-1962, li daħal fis-seħħ fiż-17 ta' Diċembru 1962; u baqgħet regolabbli skond il-liġi kif kienet qabel dik l-emenda, jiġifieri li, biex jista' jingħad li d-deċiżjoni hija appellabbli, jeħtieġ li jkun hemm punt ta' liġi deċiż fiha;

Fil-fehma tal-Qorti, fid-deċiżjoni appellata ma hemmx deċiżi punti ta' liġi. Il-kwistjoni prinċipali kienet jekk il-lokazzjoni saretx lill-appellant personalment jew inkella lilu bħala rappreżentant u f'isem il-Club ta' li-Scouts tal-Ħamrun. Il-Bord deherlu, tajjeb jew ħażin, bħala konklużjoni ta' fatt, illi l-kerrej hu l-appellant f'ismu proprju. Din il-konklużjoni fiha nnifisha mhix sindakabbli minn din il-Qorti, salva, s'intendi kull azzjoni u kull dritt li l-Club bħala tali jew l-assoċjazzjoni ta' li-Scouts, li mhumiex rappreżentati fil-kawża, jista' jkollhom skond il-liġi jekk jidhrilhom li dik il-konklużjoni fil-konfront tagħhom mhix vinkolanti għaliex il-lokazzjoni kienet tagħhom u huma l-leġittimi kontradittturi;

Deċiżjonijiet oħra ta' liġi anqas hemm fid-deċiżjoni appellata;

Għalhekk il-Qorti tiddikjara l-appell irritu u null; bl-ispejjeż kontra l-appellant.